**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Raymond Schembri**
**(ID 398063(M))**

***Omissis 1***
***Omissis 2***
***Omissis 3***
***Omissis 4***
***Omissis 5***
***Omissis 6***
***Omissis 7***
***Omissis 8***
***Omissis 9***
***Omissis 10***
***Omissis 11***

**Illum, 30 ta' Jannar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Raymond Schembri** ta' 44 sena, iben George u Ġuseppa nee` Mallia, imwieled il-Marsa nhar is-7 Lulju 1963 u residenti 41, St. George's Street, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 398063(M);

Akkuzat talli fit-13 ta' Lulju 2007 u fix-xhur ta' qabel, fil-Marsa, b'diversi atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Fil-fond numru 4, li jinsab f'Sqaq Ġerrej, Marsa, ħadu sehem f'xi logħob ta' sogru li jintlagħab għall-flus jew valur ta' flus; jew ippermettew l-użu tal-post, jew inkoraġġew dak il-logħob, jew għalkemm ma kienux qegħdin jieħdu sehem f'xi logħba illegali, kienu sieħba ta' xi ġugaturi f'xi logħba bħal dik, jew kienu preżenti filwaqt li kienet qegħda ssir xi logħba bħal dik;

2. Fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, operaw, ippromovew, biegħu jew ipparteċipaw fl-imsemmi fond, ċioe` numru 4, li jinsab f'Sqaq Ġerrej, Marsa, jew b'xi mod għenu jew ħajjru l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob, fuq ir-riżultati ta' xi logħob li kien leġittimament organizzat barra minn Malta u dan mingħajr l-approvazzjoni bil-quddiem u bil-miktub ta' l-Awtorita` kkonċernata;

3. Fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi għamlu jew ippruvaw jagħmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-għemil ta' x'imħatra magħduda li għandha x'taqsam ma' xi logħba, sport jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor, jew li kienu preżenti fil-post fejn kienet qed issir x'imħatra bħal dik.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oġġetti u l-flejjes kollha esebiti.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-12 ta' Awwissu 2013;

Rat illi b'digriet tal-24 ta' Frar 2014, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tal-imputat *Omissis* 7;

Rat ukoll illi b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2014, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tal-imputat odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 48 tal-Att dwar il-Logħob (Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta), liema kunsensi jġibu d-dati tad-9 ta' Mejju 2013 u l-4 ta' Ġunju 2010 rispettivament, iżda ġew esebiti f'dawn il-proċeduri fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2015, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet odjerni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata nhar it-28 ta' Frar 2019, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Raymond Schembri ippreżentata mid-difiża fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2019, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-Prosekuzjoni tas-27 ta' Ġunju 2019;

Rat ukoll illi wara li ħadet konjizzjoni tal-aħħar nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, id-difiża ddikjarat illi ma kellha xejn x'iżżid.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti mill-ewwel tosserva illi filwaqt illi r-reati addebitati lill-imputat jirreferu lkoll għall-fond bin-numru erbgħa (4) fi Sqaq Ġerrej, il-Marsa bħala l-lok li fih twettqu l-allegati reati, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni lkoll jirreferu għall-fondi oħra fil-Marsa, iżda mkien għall-lok indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna.

**L-Ispettur Antoine Cilia** xehed dwar *raid* li seħħet fit-13 ta' Lulju 2007 f'garaxx li kien jinsab fi Triq is-Serkin, il-Marsa.[1] Hekk ukoll xehdet **l-Ispettur Louise Calleja** ossia illi fit-13 ta' Lulju 2007, Pulizija mill-Iskwadra kontra l-Vizzji għamlu *raid* f'garaxx li kien fi Triq is-Serkin, Marsa.[2] **PL Quentin Tanti** in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Turiżmu xehed in konnessjoni mal-istabbiliment 'Mona Lisa Bar' fi Triq l-Istalel, Marsa u ppreżenta kopja tal-liċenzja fir-rigward, fil-waqt illi xehed ukoll illi l-imputat ma kienx traċċat fuq id-*database* tal-Awtorita` bħala li kellu xi liċenzja fir-rigward ta' dan l-istabbiliment.[3] **Ex PS 656 Adrian Lia** jixhed illi jiftakar li kienet saret xi tfittxija fil-Marsa, iżda la jiftakar id-dati u lanqas x'kien instab.[4] Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll affidavit ta' **Malcolm Zammit**, in rappreżentanza tal-Awtorita` tat-Turiżmu, li mill-istess dokument esebit jirriżulta illi ġie mitlub jixhed dwar '*illegal gaming at 4 Sqaq Gerreja Marsa on 13.07/2007, if accused had any licence in same date and on garage in Triq is-Serkin, Marsa*"[5], dwar liema huwa jgħid illi mir-riċerka li huwa għamel fuq is-sistemi tal-Awtorita` ma nstabitx l-informazzjoni mitluba mill-Pulizija skont ir-riferta relattiva. Skont dokument ieħor maħruġ mill-istess Awtorita, l-imputat ma ġiex traċċat fuq id-*database* tagħha.[6]

[1] A fol. 42 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol. 47 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara a fol. 56 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara a fol. 74 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara a fol. 87 tal-proċess.
[6] A fol. 88 tal-proċess.

Għalhekk filwaqt illi ċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għal atti li allegatament seħħew ġewwa Sqaq il-Ġerrej, Marsa, il-provi tal-Prosekuzzjoni jirreferu għal dak li seħħ ġewwa Triq is-Serkin, Marsa jew b'referenza għal Triq l-Istalel Marsa. L-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, <u>bil-partikularitajiet</u> ta' żmien u <u>ta' lok</u> li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw..." [sottolinear tal-Qorti]

Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2016, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Andre` Falzon</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal sentenza oħra tal-istess Qorti, diversament preseduta tat-18 ta' Ottubru 2005, fil-każ fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Mary Briffa</u>**, fejn l-appellant kien ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew fis-7.30 p.m., fil-waqt illi l-provi mressqa kienu jirreferu għal incident li seħħ għall-ħabta tas-7.30 a.m. F'dak il-każ, ingħad hekk:

> "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi għalkemm id-diskrepanza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni m'hijiex dwar il-ħin li fih seħħew l-allegati reati, iżda dwar il-lok fejn dawn allegatament seħħew, il-prinċipju jibqa' l-istess. Anke f'dan il-każ l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għal atti li allegatament seħħew f'lok partikolari, filwaqt illi mill-provi ma jirriżultax li seħħew xi atti allegatment illegali f'dak il-lok, iżda f'lok ieħor. Il-Prosekuzzjoni baqgħet bl-ebda mod ma kkoreġiet dan l-iżball, jew altrimenti ġabet xi provi sabiex tiġġustifika r-raġuni għaliex l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għal dan il-lok. Għaldaqstant l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat ma jistgħux jissussistu u l-imputat ma jistax jinsab ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Il-Qorti tinnota wkoll illi t-<u>tielet imputazzjoni</u> tikkontempla r-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(ii) tal-Kodiċi Kriminali, preskrivibbli għalhekk b'terminu ta' tliet xhur. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ġiex notifikat bl-imputazzjonijiet odjerni fi żmien tliet xhur mid-data tal-allegati reati, tant illi filwaqt illi dawn jirreferu għat-13 ta' Lulju 2007, fuq iċ-ċitazzjoni odjerna jidhru żewġ timbri, wieħed tal-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun datat 4 ta' Awwissu 2008 u l-ieħor tal-Ispettur Louise Calleja li jġib id-data tal-25 ta' April

2008, li jfisser illi ċ-ċitazzjoni odjerna żgur ma ħarġitx u ma ġietx notifikata lill-imputat qabel dawn id-dati. Għaldaqstant l-azzjoni kriminali dwar din l-imputazzjoni kienet preskritta ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(ii) u 688(f) tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tielet imputazzjoni bħala preskritta u għaldaqstant tillibera lill-imputat **Raymond Schembri** minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess, u ssib lill-istess imputat mhux ħati wkoll tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat